MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 783/2006

**Ludgarda Debattista (ID No 802130(M)), Maria Consolata Busuttil (ID No 750237(M)), Emanuel Busuttil (Passaport Awstraljan Numru L8077536), John Busuttil (passaport Awstraljan Numru L9154711), Maria Chetcuti (Passaport Malti Numru 484255), u Carmen Cordina (Passaport Amerikan Numru 21252945) u b'digriet tad-9 ta' Frar 2010 stante l-mewt ta' Ludgarda Debattista l-atti gew trasfuzi f' isem Maria Cordina Busuttil (ID 750237M), u Emanuel Busuttil (Passaport Awstraljan L8077536).**

**vs**

**Noel Magri (ID No 35957M), Sharon Cachia (ID No 85973M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Ludgarda Debattista et datat 21 ta’ Awwissu 2006 a fol. 1 tal-process fejn ippremettew:-

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 21, Mosta Road, Attard filwaqt illi l-intimati huma s-sidien tal-fond kontigwu li jgib in-numru 19, Mosta Road, Attard.

Illi l-intimati wettqu diversi xoghlijiet abbuzivi u illegali fil-fond 19, Mosta Road, Attard, liema xoghlijiet jilledu d-drittijiet ta' proprjeta` tar- rikorrenti, senjatament:-

i. fethu “*skylight*” fil-bejt proprjeta` tar-rikorrenti, liema bejt jissovrasta in parte kamra li tifforma parti mill-fond 19, Mosta Road, Attard, proprjeta` tal-intimati.

ii. fethu tieqa li mill-fond 19, Mosta Road, Attard, taghti direttament ghall-fuq il-bejt tal-fond 21, Mosta Road, Attard, proprjeta` tar-rikorrenti.

iii. aggravaw servitu` ta’ tieqa li l-fond 19, Mosta Road, Attard, proprjeta` tal-intimati, igawdi fuq il-gardina li tifforma parti mill-fond 21, Mosta Road, Attard, proprjeta` tar-rikorrenti, u dan billi kabbru l-qies tal-istess tieqa, u dan apparti li nehhew il-hadid antik li kien jimbarra l-istess tieqa bl-iskop li joffri sigurta` liz-zewg fondi.

Illi l-intimati ghazlu li jinjoraw ghal kollox l-interpellazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti sabiex jirrettifikaw l-illegalitajiet fuq imfissra.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li x-xoghlijiet u opri fuq imsemmija huma llegali u abbuzivi u jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti;

2. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss mill-istess Qorti inehhu dawn ix-xoghlijiet u opri llegali u abbuzivi; u

3. Fin-nuqqas li l-intimati jonqsu milli jezegwixxu x-xoghlijiet rimedjali mehtiega fiz-zmien hekk stipulat,

tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jezegwuhom huma stess a spejjez tal-istess intimati, u dan jekk hemm bzonn taht is-sorveljanza ta’ perit nominandi u bl-assistenza ta’ marixxalli ta’ din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 23 tal-process.

Rat li din ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2007.

Rat ir-risposta ta’ Noel Magri u Sharon Cachia datata l-1 ta’ Dicembru 2004 a fol. 31 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament, jigi bir-rispett sottomess illi r-rikors odjern segwa rikors fl-ismijiet **Debattista et. vs. Magri** (Nru. 75/2006 JRM) tal-istess rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn l-istess rikorrenti talbu l-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati odjerni, liema rikors gie michud permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-16 ta’ Jannar 2006, u jkun ghaldaqstant opportun illi l-atti ta’ dan ir-rikors jigu allegati mal-atti tar-rikors odjern.

2. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors odjern huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, *stante* illi:-

a. It-talbiet rikorrenti huma legalment insostenibbli peress illi l-ewwel u qabel kollox l-istess rikorrenti kellhom jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tikkonferma t-titolu tal-istess rikorrenti ta’ sidien, qabel ma jintalab u jigi dikjarat illi x-xoghlijiet tal-intimati huma illegali, abbusivi u li jilledu d-drittijiet tal-istess rikorrenti. Fir-rikors taghhom, r-rikorrenti, kuntrarju ghal dak allegat minnhom fil-Mandat ta' Inibizzjoni, jidher illi issa qeghdin isejsu l-prestensjoni taghhom illi huma s-sidien ta’ parti mill-arja tal-fond numru 19 a bazi tal-kuntratt ta’ akkwist taghhom tal-fond numru 21. Illi jekk dan mhux il-kaz, u t-titolu alllegat mill-istess

rikorrenti huwa naxxenti minn sitwazzjoni guridika differenti, it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif impostati qatt ma jistghu jintlaqghu *stante*.

b. Il-parti li fuqha l-intimati ghamlu ix-xoghlijiet hija proprjeta` tal-istess intimati u cioe` parti mill-fond numru 19, fi Triq Mosta, Attard. L-intimati qatt ma ppretendew jew ivvantaw xi dritt fuq l-arja tal-fond numru 21.

c. Kif sottomess mill-istess rikorrenti fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 21 fi Triq Mosta, Attard, kif fil-fatt jikkonferma l-kuntratt ta' akwist sottomess mill-istess rikorrenti, liema kuntratt ma jinkludix l-arja tal-fond numru 19, filwaqt li l-intimati huma s-sidien tal-fond numru 19 fi Triq Mosta, Attard, liema fond gie akkwistat mir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ippublikat fl-Atti tan-Nutar Joseph Debono tas-27 ta' Gunju 2005 minghand Island Conversions Limited (Dok "IJS 2" esebit fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni) bl-arja tal-istess fond (*vide* il-parti mmarkata fil-1566). Is-socjeta` venditrici kienet akkwistat l-istess fond minghand l-ahwa Darmanin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri tal-1 ta' Gunju 2004 (Dok "IJS 3" esebit fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni), u anke f'dan il-kaz, l-arja tal-istess fond numru 19 kienet inkluza fl-akkwist.

d. L-intimati u l-aventi kawza taghom mhux biss huma u kienu s-sidien tal-arja tal-fond numru 19 fi Triq Mosta, Attard, izda huma dejjem kellhom access u l-pussess ghall-istess arja.

e. Dak li konvenjentement qieghed jissejjah bejt mir-rikorrenti, ma huwa bejt xejn izda huwa biss saqaf ta' zewgt ikmamar, wahda proprjeta` tar-rikorrenti u wahda proprjeta` tal-intimati. Il-bejt proprja tal-fond numru 21 huwa dak muri fir-ritratti mmarkati "IJS 5" u "IJS 6" fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni, filwaqt illi l-bejt tal-fond numru 19 huwa dak muri fir-ritratt "IJS 7" fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

f. It-tieqa li taghti mill-fond numru 19 ghall-gnien tal-fond numru 21 hija naxxenti minn servitu` li l-fond numru 19

igawdi fuq il-fond numru 21. L-intimati qatt ma ghamlu xejn biex jaggravaw tali servitu` *stante* illi t-tieqa minn dejjem kienet tal-qies li hija llum u dan huwa kkonfermat mir-ritrattt immarkkat “IJS 1” mehud minn gewwa l-fond numru 19 li juri sew it-tieqa originali kif ukoll c-caccis originali tal-istess tieqa.
Salvi sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ Noel Magri u Sharon Cachia a fol. 33 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-16 ta’ Jannar 2007 fejn gew appuntati l-Perit Tekniku Mario Cassar bl-assistenza tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti sabiex jirrelataw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intimati kollox a spejjez provizorjament attrici.

Rat ir-rikors ta’ Maria Consolata Busuttil, Emanuel Busuttil, John Busuttil, Maria Chetcuti u Carmen Cordina datat 3 ta’ Frar 2010 a fol. 155 tal-process fejn talbu li tigi awtorizzata t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq isem Ludgarda Debattista ghal fuq isem l-istess *ai termini* tal-**artikolu 806 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet datat 9 ta’ Frar 2010 a fol. 169 tal-process.

Rat ir-rapport peritali pprezentat fl-10 ta’ Marzu 2010 u mahluf fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2010 (fol 175).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2010 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Paul Farrugia ghall-atturi u Dr. Ian Stafrace ghall-konvenut Magri prezenti. Deher ukoll il-Perit Tekniku Mario Cassar li bil-gurament tieghu iddikjara li skont ir-ritratti li ha waqt l-access fuq il-post jidher li t-tieqa in kwistjoni hija fuq in-naha tal-bicca tal-bejt li allegatament hija tal-konvenuti, jigifieri fuq in-naha li hemm *skylight*, u esebixxa ritratt (Dok. “MC 12”). Id-difensuri talbu li jaghmlu n-nota ta’ osservazzjonijiet rispettivament. Il-Qorti laghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-atturi sabiex jipprezentaw tali noti bin-notifika

lill-kontro-parti jew lid-difensur taghhom li jkollhom l-istess zmien min-notifika ghall-prezentata tan-nota taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-25 ta' Novembru 2010.

Rat id-digriet datat 30 ta' Settembru 2010 fejn jirrizulta li mill-atti u mir-relazzjoni gudizzjarja saret riferenza ghall-atti esebiti fil-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Numru 75/06) u l-Qorti ordnat li l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni jigu allegati mal-atti ta' din il-kawza.

Il-Qorti rat il-verbal tal-access tat-23 ta' Novembru 2010 li sar konsegwenti ghat-talba tal-atturi kontenuta fir-rikors taghhom datat 15 ta' Ottubru 2010 li giet milqugha b'digriet datat 19 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet huma sidien ta' fondi kontigwi, fejn l-atturi huma s-sidien tal-fond numru 21 fi Triq il-Mosta, Attard fil-waqt li l-konvenuti huma sidien tal-fond numru 19 fl-istess triq. Illi kull fond ghandu kamra fuqu formanti parti minn kull wiehed minn dawn il-fondi, liema kmamar huwa kontigwi ghal xulxin. Fuq dawn il-kmamar hemm saqaf li l-atturi qed jikkontendu li huwa kollu taghhom, allura nkluza dik il-parti li tinsab fuq il-kamra proprjeta' tal-intimati. Dan l-intimati jikkontestawh ghaliex huma jsostnu li huma xtraw l-istess proprjeta' bil-kamra maghha u bis-saqaf ta' fuqha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datata 27 ta' Gunju 2005 minghand Island Conversions Limited (Dok. "IJS 2" anness mal-atti tal-mandat ta inibizzjoni degretat b'ezitu

sfavorevoli ghar-rikorrenti fid-19 ta’ Jannar 2006 – MI 75/06/JRM).

Illi fil-fatt mill-istess kuntratt jirrizulta li l-konvenuti akkwistaw *“the tenement at number nineteen (19) formerly numbered thirteen (13), as overlaying third party property, “Fior dei Carmeli”, Mosta Road, Attard, as free and unencumbered, with all its rights and appurtances and including its airspace. The said immovable shall enjoy and shall be subject to all such normal servitudes as result from its position. It is being declared that the immovable has a window overlooking the contiguous garden property of third parties”.*

Illi minn dan il-kuntratt ma jirrizultax ghalhekk li hemm xi dubju dwar l-arja fuq il-fond *de quo* akkwistat mill-intimati u jirrizulta mill-istess kuntratt li ma hemm ebda servitu’ fuq l-istess arja. Mhux hekk biss izda f’artikolu numru 3 tal-istess kuntratt jinghad li:-

*“3. The property is being transferred with its free and vacant possession, from from any real and personal rights in favour of third parties, …….”.*

*Illi l-vendituri Island Conversions Limited kienu akkwistaw l-istess fond deskritt bhala “dar in parti sovraposta ghal proprjeta’ ta’ terzi, bin-numru dsatax (19) gja numru tlettax u jisimha Fior dei Carmeli, Mosta Road, Attard, libera u franka bid-drittijiet u gustijiet taghha kollha, nkluza l-arja relattiva”* permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri datat 1 ta’ Gunju 2004 (Dok. “IJS 3” – fl-atti tal- MI 75/06/JRM).

Illi missier l-atturi, Pubblio Busuttil kien akkwista l-fond 21, Mosta Road, Attard permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Debono datat 17 ta’ Mejju 1930 fejn l-istess fond huwa deskritt *“il luogo di case con piccolo giardino annesso, posto Casal Attard, Strada Musta”*. Ma hemm ebda riferenza li b’xi mod l-istess awtur tal-atturi kien akkwista l-arja ta’ fuq il-kamra proprjeta’ tal-konvenuti u ghalhekk certament li kull titolu li jista’ jkun vantat fuq il-

parti tal-arja tal-kamra formanti parti mill-fond tal-intimati ma hijiex naxxenti minn dan il-kuntratt.

Illi huwa sinifikanti li jinghad li l-kwistjoni hija dwar is-saqaf ta' zewgt ikmamar, formanti parti mill-fondi rispettivament tal-partijiet, liema saqaf ma kellu l-ebda forma ta' dimarkazzjoni u ma fih ebda opra morta, izda biss filata jew tnejn ta' blokki *pre-cast* b'disinn tal-epoka fuq in-naha tal-fond 21, u ma jistax jinghad li dan huwa jew kien uzat bhala "bejt". Fil-fatt mir-rapport tal-Perit Paul Camilleri datat 18 ta' Jannar 2006 (Dok. "IJS 4") u mill-affidavit tieghu datat 23 ta' Frar 2007 (fol. 57) jidher car li tali saqaf ma jistax jigi deskritt bhala "bejt", proprju minhabba dan in-nuqqas ta' opramorta u mill-fatt li meta gie akkwistat ma kienx hemm access ghall-istess saqaf. Jidher li pero' wara xi zmien l-awtur tal-atturi ghamel access ghall-istess bejt mill-loggja fl-ewwel sular ghall-istess fond, u wara xi zmien saret kamra ta' l-injam bejn il-loggia u s-saqaf li tappartjeni lil fond 21, Mosta Road, Attard, mentri l-access tal-intimati ghas-saqaf tal-kamra taghhom kien minn fuq wiehed mill- bjut tal-istess fond li huwa biss xi erba' filati l-fuq minn dan is-saqaf, u dan huwa dovut ghall-fatt li dan huwa saqaf u mhux "bejt". Dan jirrizulta mir-ritratti kollha esebiti, u x-xhieda prodotta mill-partijiet bl-ebda mod ma tikkontradixxi dawn ir-rizultanzi. Il-Qorti thoss li dan huwa wkoll ikkonfermat minn dak li hija kkonstatat l-access li zammet fit-23 ta' Novembru 2010.

Illi l-fatt li l-atturi kellhom access ghal tali saqaf u holqu access iktar komdu ghalihom ma jfissirx li huma akkwistaw b'daqshekk proprjeta' li kienet ta' haddiehor, u dan ghaliex dan l-access serva sabiex jaccedu ghal fuq dik il-parti tas-saqaf proprjeta' taghhom – ix-xhieda tal-atturi allura ghandha tittiehed f'dan il-kuntest, u ma jidhirx li b'xi mod dawn akkwistaw xi dritt jew xi servitu' fuq l-arja tal-fond kontigwu, inkluz s-saqaf fuq il-kamra tal-intimati mertu tal-kawza odjerna. Ghal dik li hija manutenzjoni tal-istess saqaf jinghad li mill-provi prodotti l-allegazzjoni tal-atturi li huma biss kien jaghmlu manutenzjoni tal-istess bejt hija kontestata, peress li l-awturi tal-intimati jsostnu li huma wkoll kienu jaghmlu manutenzjoni fuq dik il-parti

tas-saqaf sovrastanti l-kamra taghhom (xhieda ta' Carmen Darmanin 12 ta' Frar 2007 - fol. 60).

Illi huwa relevanti f'dan il-kuntest li jinghad li mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni jirrizulta li l-atturi bbazaw il-pretensjoni taghhom fuq il-kuntratt tal-akkwist ippubblikat minn Nutar Emanuele Debono tas-17 ta' Mejju 1930 anness mal-istess rikors taghhom. Fir-rikors promotorju ta' din il-kawza r-rikorrenti bl-ebda mod ma jindikaw minn fejn qed jorigina d-dritt taghhom vantat fuq l-istess proprjeta' ghalkemm annettew il-kuntratt tal-akkwist bhala wiehed mid-dokumenti, izda tali kuntratt bl-ebda mod ma jindika li missierhom kien akkwista xi jedd fuq is-saqaf ta' proprjeta' kontigwa. Il-mandat ta' inibizzjoni gie michud fuq bazi li *prima facie* allura ma kienx jirrizulta li l-atturi kellhom xi dritt fuq dik il-parti tas-saqaf fuq il-kamra proprjeta' tal-intimati, u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti u kif impostata l-kawza ma tistax hlief tasal ghall-istess konkluzjoni u dan fuq kollox fuq il-principju bazilari enuncjat fl-**artikolu 323 tal-Kap. 16** li *"kull min ghandu l-proprjeta' ta' l-art, ghandu wkoll dik ta' l-area ta' fuqha, u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taht wicc l-art….".* (**"Victor Agius et vs Kevin Falzon et"** – P.A. (JRM) – 10 ta' Jannar 2008); **"Paul Mizzi vs Mario Sciriha et"** – A.C. – 28 ta' Novembru 2008); **"Ramon Mizzi et vs SMEL Company Limited"** – A. C. – 30 ta' Mejju 2008).

Illi dan ifisser li l-akkwist tal-fond 21, Mosta Road, Attard mill-avendi kawza tal-atturi kien jinkludi biss l-arja fuq il-kamra taghhom, u similment li l-akkwist mill-intimati tal-fond 19, Mosta Road, Attard kien jinkludi l-arja fuq il-kamra taghhom b'dan li dik il-parti tas-saqaf fuq il-kamra proprjeta' tal-atturi hija allura tal-atturi, u dik il-parti tas-saqaf fuq il-parti tal-proprjeta' tal-konvenuti hija proprjeta' tal-konvenuti u allura jirrizulta li x-xogholijiet li l-intimati ghamlu fuq is-saqaf proprjeta' taghhom, konsistenti fi *skylight,* saret fil-proprjeta' taghhom. Illi f' din il-konkluzjoni hija insahha anke f' dak li l-Qorti ikkonstatat hija stess waqt l-access minnha mizmum u ghalhekk f'dan il-kuntest u f'dan is-sens it-tielet, ir-raba' il-hames u s-sitt eccezzjonijiet qed jigu milqugha.

Illi l-atturi jallegaw ukoll li l-intimati fethu tieqa li taghti direttament ghal fuq il-bejt tal-fond 19, Mosta Road, Attard, izda jirrizulta li t-tieqa li infethet taghti ghal fuq il-parti tas-saqaf tal-kamra proprjeta' tal-istess intimati u dan kif gie kkonstatat mill-Perit Tekniku Mario Cassar skont dak minnu verbalizzat fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2010 u mir-ritratt Dok. "MC 12" u filfatt dan jinsab ikkonfermat mill-Qorti li accediet fuq l-istess saqaf mertu tla-kawza odjerna u allura fil-kuntest ta' dak hawn deciz din il-pretensjoni attrici tirrizulta li ma hijiex fondata.

Illi l-ahhar vantazzjoni attrici hija dwar l-allegazzjoni li l-intimati aggravaw servitu ta' tieqa li fond 19, Mosta Road, Attard igawdi fuq il-giardina tal-fond tal-atturi numru 21 fl-istess triq, u dan billi kabbru l-qies ta' l-istess tieqa u dan apparti li nehhew il-hadid tal-istess tieqa bl-iskop li joffri sigurta' liz-zewg fondi.

Illi dwar dan jirrizulta li f'xi zmien minn naha tal-proprjeta' tal-atturi inbnew zewg filati taht il-linja A – B kif jirrizulta mir-ritratt a fol. 84 tal-process, u r-ritratt Dok. "MC 4" u dan huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda tal-Perit Paul Camilleri datata 23 ta' Frar 2007 (fol. 57/58) citata mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu (fol. 186) u allura jirrizulta li s-servitu` ta' tieqa huwa dak li kien jezisti meta gie kkrejat u ghalhekk it-tieqa inzammet ghall-qisien originali taghha. Wara li din il-Qorti rat it-tieqa msemmija kemm mill-gnien tal-atturi u kemm mill-fond tal-konvenuti, thoss li attwalment din hija l-posizzjoni korretta, u l-Qorti qed tikkonferma dawn il-konkluzjonijiet hawn raggunti f'din is-sentenza. Jidher li l-hadid indikat mill-atturi sar bl-istess mod minn naha ta' fejn ghandhom il-proprjeta' l-atturi, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ma sar xejn mill-intimati sabiex jiggravaw is-servitu' li l-fond taghhom igawdi fuq il-fond tal-atturi. F'dan l-aspett il-Qorti qed taddotta l-konsiderazzjonijiet tal-Perit Gudizzjarju u ghalhekk anke f'dan il-kaz it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti

fir-risposta guramentata taghhom datata l-1 ta’ Dicembru 2006 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------